MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 245/1999/1

**Studio Seven Co. Ltd**

**Vs**

**Computime Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u erbatax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm614.15) dovut mis-socjeta konvenuta bhala kera ta 'equipment mikri u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2000 jizdiedu l-kliem 'u servizzi ohra' lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici. Bl-imghax dekorribbi mit-13 ta' Ottubru 1997 u l-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 1999.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-ammont pretiz fl-avviz fuq citat huwa eccessiv kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti fil-21 ta' Novembru 2000 (fol 14 tal-atti kif ukoll fol 6 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, fil-qosor, il-provi prodotti mill-partijiet kienu kif ser jinghad:-

a) Joseph Debono, direttur tas-socjeta attrici (fol 8 et seq ibid) spjega illi s-socjeta konvenuta kienet inkarigat lil dik rappresentanta minnu sabiex tesegwixxi certi servizzi konsistenti f'kiri ta' apparat awdjo-visiv oltre 'set surround'. Dwar dan l-inkarigu kienet giet sottomessa 'quotation' kemm ghal kiri tal-apparat imsemmi kemm ghal bini tas-'set'. Difatti din il-'quotation' jidher li kienet accettabli u ghalhekk sar il-ftehim fuqha (In rigward din il-quotation' ara fol 26 tal-atti) Dwar dan jidher ukoll illi l-istess 'quotation' kienet tammonta bhala valur, ghal Lm506.35,0 bhala '… quote originali' in vista li, din '… kienet tinkludi 'production of the set' minghajr pero il-'logos'". Dwar dan, ix-xhud semma illi '… kien hemm bzonn li jsiru 'logos' bhal ma konna avzajna originarjament lill-istess socjeta konvenuta' u filfatt '… fl-ahhar mument …. Saritilna ordni in rigward dawn il-'logos' (ara, fuq in-naha tal-lemin, tar-ritratt a fol 10 tal-atti). Bhala konsegwenza ta' din l-ordni addizjonali ghal dik originali, is-socjeta attrici qed tippretendi hlas ulterjuri, mhix kopert bi ftehim bejn il-partijiet, ta' Lm200. Inoltre l-istess xhud fl-ahhar nett qal li kien thallas biss u f'isem is-socjeta attrici s-somma ta' Lm55. In rigward il-premess xehdet ukoll Suzanne Debono (fol 33 et seq ibid) li tigi t-tifla tax-xhud precedenti u li, kienet, filfatt, involuta fit-trattativi meta kien intlahaq il-

ftehem originali. Din ukoll semmiet li jumejn qabel il-konferenza li kellha tinzamm,is-socjeta attrici kienet accettat li taghmel ix-xoghol addizzjonali kif deskritt u dan fuq talba tas-socjeta konvenuta izda minghajr ma kien miftiehem xi prezz dwar dan ix-xoghol. Dwar dan ix-xoghol deskritt minnha bhala ‘cut out letters’ hi specifikat li ‘… dawn l-ittri intbaghtu maqtughin mis-socjeta konvenuta gurnata biss qabel il-konferenza’.

b) Marc (ossija Mark) Vassallo prodott mis-socjeta konvenuta semma ukoll illi meta din kienet irceviet il-kont finali, dan kien jinkludi prezz ta’ xoghol li ma kienx inklus fil-‘quotation’ originali kif miftehma bejn il-partijiet ossija zieda ta’ Lm200 ghall-imsemmija ‘logos’. L-istess xhud testwalment specifika ‘Jiena fhimt, meta saret l-ordni, li l-l-‘logos’ kellhom ikunu parti mis-’setsurround’ ghalhekk inklusi fit-Lm80 miftiehim (ara ‘item’ numru disgha (9) fid-dokumenti a fol 26 u fol 27 tal-atti kif ukoll dak in rigward ‘set surround’ a fol 28 ibid).

Ikkunsidrat

Illi dwar il-premess il-Qorti hi sodisfatta illi meta saret il-‘quotation’ originali u miftehma, din ma kienetx tinkludi l-imsemmija logos’. Difatti, dawn bl-ebda mod ma huma msemmija fid-deskrizzjoni li nghatat tax-xoghol relattiv ghas-’setsurround’ taht ‘item’ disgha (9) hawn fuq imsemmi (ara kif di gja nghad fol 26 u fol 27 tal-atti). Ghalhekk, mal-‘quotation’ originali ghandu jizdied ammont sabiex jkopri x-xoghol dwar l-istess ‘logos’ deskritti ukoll bhala ‘cut out letters’.

Illi, relattivament ghal dan ix-xoghol addizzjonali, ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz u ghalhekk il-Qorti trid tapplika l-artikolu 1624 tal-Kodici Civili, testwalment ma kienx opportun f’dan il-kaz illi l-Qorti tiddetermina il-valur u l-prezz permezz ta’ esperti. Tenut kont illi l-ammont kontestat hu biss ta’ Lm200. Ghalhekk l-istess Qorti mxiet skond ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz billi, wara li rat illi l-ammont mitlub ghall-istess xoghol jidher li hu eccessiv meta wiehed jara li l-prezz miftiehm ghas-‘set surround’ kien jammonta biss ghal Lm80, skond dak miftiehem. Ghalhekk il-Qorti stabbiliet ‘arbitrio boni visi’ illi l-prezz

ghal dan ix-xoghol addizzjonali kif deskritt mix-xhieda prodotti mill-istess socjeta attrici kellu jkun ta’ Lm60.00,0. Illi ghalhekk, l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jitnaqqas bis-somma ta‘ Lm140.00,0 u b’hekk l-ammont kollu dovut ghandu jigi ridott, ghal Lm474.15,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, tilqa ‘in parte’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta‘ Lm474.15,0 bl-imghax legali mit-13 ta‘ Ottubru 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, tenut kont tar-riduzzjoni fit-talba in esami il-Qorti tordna li dawn jithallsu kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) mis-socjeta attrici u kwantu ghal hamsa minn sitta (5/6) mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------